Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 260/2006

**Rikors numru: 260/2006 SM**

**HSBC (Malta) p.l.c.**

**vs**

**Joseph u Carmen konjugi Zahra**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat it-30 t'Awissu tas-sena 2006, li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsuha l-ammont ta' elfejn u sitt mija u wiehed u sittin Lira Maltin, u tmienja u tmenin centezmu,

(LM2,661.88,0), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' rikorrenti skond "flexicredit loan account" bin-numru tal-kont 009-050808-300, in kwantu elfejn, mija u sebgha u hamsin Lira Maltin u sebgha u tletin centezmu, (LM2,157.37,0), rapprezentanti kapital dovut u erba' mija u sitta u tmenin Lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu, (LM486.51,0), rapprezentanti interessi sat-28 ta' Lulju tas-sena 2006 u dan kif aktar dettaljatament elenkati fi statement hawn anness u mmarkat Dokument "A";

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawn ta' l-ittra ufficcjali ta' l-4 ta' Marzu tas-sena 2004 (kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument "B"), u bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Lulju tas-sena 2006 sad-data tal-pagament effettiv;

Rat in-nota tal-konvenuti datata l-25 ta' Settembru tas-sena 2006 li permezz taghha ammettew it-talbiet attrici;

Ghaldaqstant din il-qorti tikkundanna lill-konvenuti Joseph u Carmen konjugi Zahra biex:

1. Ihallsu lis-socjeta' attrici HSBC (Malta) p.l.c. l-ammont ta' elfejn sitt mija u wiehed u sittin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu, (LM2,616.88,0), rapprezentanti ammont dovut mill-konvenuti lis-socjeta' attrici skond "flexicredit loan account" bin-numru 009-050808-300, in kwantu ghal elfejn mija u seba' u hamsin Lira Maltin u seba' u tletin centezmu, (LM2,157.37,0), rapprezentanti kapital dovut u erba' mija u sitta u tmenin Lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu, (LM486.51,0), rapprezentanti interessi sat-28 ta' Lulju tas-sena 2006 u dawn, kif aktar dettaljatament elenkati f'rendikont anness mar-rikors promotur, u mmarkat Dokument 'A';

2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata l-4 ta' Marzu tas-sena 2004 mmarkata Dokument 'B', u bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Lulju tas-sena 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------